# Il-vokali tal-verbi.

Fil-"Malti" ta' Diċembru 1938, faċċ. 98 tarraft kelma żgħira fuq l-ewwel vokali tal-verbi li għandhom *għ* fl-aħħar, u għidt li din il-vokali hi *e*, iżda ssir *a* meta t-tieni jew l-ewwel konsonanti tkun waħda milli jridu magħhom il-vokali *a*; hekk għandna niktbu *qata'*, *waqa'*, *qala'*, imma *ġema'*, *beża'*, *bela'*. Għidt ukoll li fuq dan biħsiebni nikteb (jew nistampa, għax miktub ilu) aktar fit-tul band'oħra. Iżda kliemi, bħal drabi oħra, mar mar-riħ, u dawn il-verbi baqgħu jinkitbu dejjem bil-vokali *a-a*, hekk *ġama'*, *sama'*, *baża'*.

Biex nuri li din hi regola ħażina, sa nagħti daqsxejn ta' tagħrif mhux xjentifiku, imma li nistgħu ngħidulu *rule of thumb*. U hu dan: L-ewwel vokali tal-verb, meta ma taqax, tibqa' dejjem li hi fil-konjugazjoni tal-perfett (qatel), fl-infinit tal-għamla *qatla*, u fin-nomi tal-għamla *qattiel*. Hekk *raqad*, *raqdet*, *raqdu*, *raqda*, *raqqad; ħadem*, *ħadmet*, *ħadmu*, *ħaddiem; fetaħ*, *fetħet*, *fetħu*, *fetħa*, *fettieħ; kiteb*, *kitbet*, *kitbu*, *kitba*, *kittieb*. Joħorġu mir-regola xi verbi *i-e* li xi drabi jieħdu l-vokali *e* meta jtennu t-tieni konsonanti, hekk *tilef*, *tellief*; hekk ukoll xi verbi *o-o*, bħal *għodos*, *għaddas*. Fuq dawn ukoll ktibt fit-tul band'oħra. Mela jekk ngħidu *ġama'* għandna ngħidu wkoll *ġamgħet*, *ġamgħu ġamgħa*, *ġammiegħ*. Iżda ħadd ma jgħid hekk u ħadd ma jikteb hekk. Mela jekk ngħidu u niktbu *ġemgħet*, *ġemgħu*, *ġemgħa*, *ġemmiegħ* għandna wkoll ngħidu u niktbu *ġema'*. Iżda mbagħad għandna niktbu *waqa'* u mhux *weqa'*, għax aħna ngħidu *waqgħet* mhux *weqgħet*, *waqgħu* u mhux *weqgħu*, *waqgħa* mhux *weqgħa*.

P. P. Saydon